(Regolament 6)

# KUNSILL LOKALI ZEJTUN

## APPLIKAZZJONI GHAL TQEGHID TA' *KIDDIE RIDE MACHINES* U MAKNI TAL-BEJGH AUTOMATICI

Data: ____________________

**Dettalji ta' l-Applikant:**

Isem u Kunjom: ________________________________________

Indirizz: ________________________________________

Tel: ________________________________________

Nru. tal-karta ta' l-identita': ____________________ Nru. tal-V.A.T.(jekk applikabbli) : ________________

**Dettalji ta' fejn se titqieghed il-*Kiddie Ride Machine* jew Makna tal-Bejgh Awtomatika**

Dokumentazzjoni mehmuza

1. Ritratt u Qisien tal-Makna
2. Ritratt u Site plan tal-post
3. Kopji ta' permessi (dettalji)

Indirizz: ________________________________________

Deskrizzjoni: *Kiddie Ride Machine* / Makna tal-Bejgh Awtomatiku

Oggetti li se jinbieghu mill-makni automatici: ________________________________________

____________________
(Firma ta' l-Applikant)

*Ghandha ssir applikazzjoni ghal kull Kiddie Ride Machine u Makna tal-Bejgh Automatika*

---

**GHALL-UZU TA' L-UFFICCJU**

Data ta' meta giet ricevuta fil-Kunsill ____________________ Nru tar-Registru: PRM / AL119 / Reg 6

Dritt imhallas: ____________________ Ricevuta Nru: ________________

Dokumentazzjoni mehmuza

1. Ritratt u Qisien tal-Makna — IVA ☐ LE ☐
2. Ritratt u Site plan tal-post — IVA ☐ LE ☐
3. Kopji ta' permessi (dettalji)

Kundizzjonijiet specjali tal-Kunsill:- ________________________________________

Nru tal-permess:- ________________ Validu sal-31 ta' Dicembru ____________________

Timbru tal-Kunsill

Firma tas-Segretarju Ezekuttiv

## ATT TA' L-2002 DWAR LICENZI TAL-KUMMERC
## ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)
(Ara ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Attivitajiet li Jinhtiegu Permess mill-Kunsilli Lokali)

**SKEDA A**

Drittijiet dovuti ghall-servizz ta' Gwardjan Lokali fil-lokalita'

| | |
|---|---|
| *Field Officer* | Lm 3.80 (€ 8.86) kull siegha |
| Gwardjan Lokali | Lm 3.40 (€ 7.92) kull siegha |

**Skeda B**

**Kundizzjonijiet Generali li japplikaw ghal kull licenza, permess jew awtorizzazzjoni mahruga mill-Kunsilli Lokali (Regolament 5 (5) )**

1. Sabiex tinhareg licenza,permess jew awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali lil xi persuna ghandha ssir applikazzjoni lil Kunsill Lokali fejn tkun se isir l-attivita' fuq il-formola relattiva u din ghandha tasal ghand il-Kunsill Lokali ta' l-anqas 48 siegha qabel l-attivita' matul il-hinijiet tal-granet tax-xoghol ta' l-ufficcju (*Office Days*).
2. Ma' kull applikazzjoni ghandu jsir il-hlas tad-drittijiet murija fi Skeda C li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.
3. Fil-kaz li applikazzjoni ma' tigix approvata mill-Kunsill Lokali, id-drittijiet mhallsa ghandhom jigu moghtija lura lill-applikant: Izda dan il-hlas lma jinghatax lura f'kaz li l-awtorizzazzjoni tigi rtirata mill-applikant jew revokata mill-Kunsill Lokali jew xi awtorita' ohra minhabba f'xi ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet.
4. Kull licenza, permess jew awtorizzazzjoni mahruga mill-Kunsill Lokali mhix trasferibbli.
5. Meta ssir aktar minn applikazzjoni wahda ghal xi attivita` biex issir fl-istess post u fl-istess jum, l-ewwel applikazzjoni ghandha tinghata prijorita'. Jekk jaslux xi applikazzjonijiet f'daqqa l-applikant li jghix fil-lokalita` ghandu jinghata preferenza. Jekk l-applikanti huma kollha mill-istess lokalita`, jew jekk hadd minnhom ma jkun joqghod fil-lokalita`, l-Kunsill ghandu f'hin notifikat lill kull applikant jtella' bix-xorti l-applikazzjoni li tkun ser tintghazel.
6. L-applikant li jinghata licenza, permess jew awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali jew f'kaz ta' bejjiegh tal-monti, is-sostitut tieghu kif hemm stipulat f'dawn ir-regolamenti, ghandu jkun prezenti f'kull hin ta' l-attivita' li ghaliha jkun inghata l-licenza, permess jew awtorizzazzjoni u jkun personalment responsabbli ghal ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-istess licenza, permess jew awtorizzazzjoni anke jekk tali ksur ikun sar minn xi dipendenti tieghu jew persuni ohra mqabbda minnu.
7. F'kaz li l-applikazzjoni tkun dwar xi attivita' li jkun se jkollha effett fuq it-traffiku, l-applikant ghandu jipprovdi lill-Kunsill Lokali bid-dettalji kollha ta' sinjali ta' traffiku illi huwa jkun ser jaghmel sabiex is-sewwieqa ta' vetturi jkunu mgharfa bl-ostakolu kif ukoll tinghatalhom direzzjoni u informazzjoni ta' kif ghandhom isuqu u jipprocedu. Jekk fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali jkun hemm il-htiega tal-prezenza ta' Gwardjan Lokali, l-applikant ghandu flimkien mal-hlas stabbilit fi Skeda C, ihallas ukoll ghal dan is-servizz kif stabbilit fi Skeda A.

**Skeda C**

**Drittijiet li ghandhom jithallsu dwar permessi mahruga skond dawn ir-regolamenti**

***Kiddie Ride Machines* u Magni tal-Bejgh awtomatici**

1. Biex tqieghed f'xi triq magni tal-loghob maghrufa bhala *Kiddie Ride Machines* fis-sena jew parti minnha…………………………Lm20 (€ 46.59)
2. Biex tqieghed f'xi triq magni tal-bejgh awtomatici fis-sena jew parti minnha ………………………………………………………… Lm10 (€ 23.29)

**Depozitu ta' materjal tal-bini u materjal iehor**

3. Ghal depozitu ta' materjal tal-bini jew materjal iehor jew xi oggetti f'xi triq ghal kull $m^2$ jew parti minnu dwar kull gurnata jew parti minnha: Lm1 (€ 2.33)

**Depozitu jew uzu ta' Krejn jew makkinarju**

4. Ghal depozitu ta' krejn jew makkinarju iehor f'xi triq waqt il-bini kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi bini jew progett iehor simili, ghall kull bicca makkinarju bhal dik ghal kull gurnata jew parti minnha ……………………………………………………………………………..Lm1 (€ 2.33)

**Tqeghid ta' mwejjed u siggijiet**

5. Ghal tqeghid ta' mwejjed u siggijiet, ghal kull $m^2$ jew parti minnu, ghal kull gurnata ……………………………..………………Lm0.50 (€ 1.16)

**Twaqqif ta' xi posta jew kiosk**

6. Ghat-twaqqif ta' xi posta jew kiosk f'xi triq ghall kull perijodu ta' tlett granet jew parti minnhom ……………………….…………Lm10 (€ 23.29)

**Licenzi u permessi minghajr hlas**

7. Posta jew kiosk tradizzjonali uzati esklussivament ghal bejgh ta' qubbajt Malti (*Maltese nougat*) …..…………………………………….….. xejn

**Divertiment okkazjonali**

8. Biex issir wirja pubblika, esibizzjoni, xi loghob zghira, fiera, tombla jew xi divertiment pubbliku jew attivita' simili ohra f'triq f'lokalita' f'xi gurnata jew granet specjali jew specifici ghal kull jum jew parti minnu ……...…………………………………………………….……Lm3.00 (€ 6.99)
9. Biex isir divertiment iehor okkazjonali f'gurnata specifika ghal kull jum jew parti minnu ……………………………………………Lm3.00 (€ 6.99)
10. Ghad-daqq ta' strumenti muzikali u/jew ghall-uzu ta' loudspeakers u/jew ampifiers ghall-kull jum jew parti minnu ………………Lm2.00(€ 4.66)
11. Biex isir sports akwatiku jew sports iehor f'xi gurnata specifikahlief attivita' sportiva li ssir fuq medda ta' iktar minn lokalita' wahda jew fuq bazi nazzjonali……………………………………………………………………………………………………………..…Lm1.00 (€ 2.33)
12. Biex issir xi divertiment iehor okkazjonali f'xi gurnata specifika hlief xi disco, ballu, zfin, jew xi attivita zghira bhal dik irrispettivament minn kif dawn ikunu maghrufa ……………………………………………………………………………………………………Lm3.00 (€ 6.99)

**(<u>Nota:</u> L-ammonti bl-ewro qegħdin għal użu ta' informazzjoni biss)**